Avviż Numru CCT 90/19/F

**Mark u Melanie Carabott**
**vs**
**Kevin Sciberras – Digital Eye**

Illum, 31 ta' Jannar, 2020

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-1 t'Awwissu, 2019 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elf, tmien mija u tmienja u tmenin Ewro (€1,888), rappreżentanti diversi affarijiet li kellu jagħtihom wara li ħa l-video tat-tieġ.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta,

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u kif ukoll wara li sema' x-xhieda ta' Charlo Lanzon, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ħallsu l-prezz ta' elf, tmien mija u tmienja u tmenin Ewro (€1,888), li huwa pakkett li jinkludi kaxxa ta' l-injam bil-pendrive illi jġorr fiha l-album diġitali tat-tieġ u 15 'il ritratt, u kif ukoll video u ritratti tat-tieġ, il-post wedding li qatt ma sar, u li dawn ma kienu għadhom ħadu xejn minkejja l-ammont kollu dovut ġie mħallas.

Xehed Charlo Lanzon, li huwa l-persuna li ħa l-video fejn qal illi ma tħallasx ta' xogħlu mingħand l-intimat u għalhekk ma tahx il-video.

L-intimat ippreżenta s-CD bir-ritratti fit-Tribunal, d-digital book u r-ritratti li kien ipprintja. Il-pendrive ma setax jagħtihielhom u lanqas il-video. Jirriżulta għalhekk li baqa' l-pendrive u l-video tat-tieġ sabiex jingħataw lir-rikorrenti, u li ta' dan l-intimat ma kienx għadu ħallas lil Charlo Lanzon.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, mhux ser jistenna li jsir il-ħlas u jgħaddi l-affarijiet, u għaldaqstant qed jiddeċiedi favur ir-rikorrenti billi jordna lill-intimat Kevin Sciberras, fl-ewwel lok jgħaddi l-pendrive u l-video tat-tieġ fi żmien ġimgħa mil-lum, u fin-nuqqas la darba tiskatta dak li t-Tribunal jiddeċiedi, erba' mitt Ewro (€400) bħala danni kontra l-istess intimat, u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888